KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

1 ta' Frar 2010

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tad-Disgha u Tletin (39) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah id-Disgha u Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Hamis 7 ta' Jannar 2010 fis-5.45pm.**

Is-Sebgha u Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna: Post Mortem
6. Preparazzjoni ghall-Estimi Annwali 2010
7. Xandiriet fuq 96.1 Vilhena FM
8. Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tal-Impjegati
9. Jum il-Housing
10. Attivita' fi Pjazza San Publju fiz-zmien it-Tazza tad-Dinja 2010
11. Il-Karnival ta' Malta 2010
12. Ghazla tal-Offerti:
    i. KLF/Q/23/09 – Provvista u delivery ta' recipjenti ghall-fdalijiet taz-zwiemel u recipjenti ghal siringi uzati
    ii. KLF/Q/24/09 – Provvista u konsenja ta' *recessed floor uplighters*
    iii. KLF/Q/25/09 – Provvista u installazzjoni ta' *Air Conditioning Units*
13. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
14. Ħwejjeg Oħra
15. Aġġornament tal-laqgħa

Ghad-Disgha u Tletin (39) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tmienja u tletin (38) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment dwar il-bankina li hemm fi Pjazza Robert Samut hdejn l-*Island Sound* fejn resident ilmenta li din il-bankina tizloq hafna u talab li tinstab soluzzjoni ghal din il-problema. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Vincent Borg ghandu jiehu parir minghand il-Perit tal-Kunsill dwar dan. Il-Kunsill qabel ukoll li sadanittant ghandu johrog sejha ghal *anti-slip treatment* ghall-bankina ta' Triq il-Kapuccini.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment dwar il-bicca cint imwaqqa' li hemm fil-parti t'isfel tat-Telgha tal-Kurcifiss. Wara li l-Kunsill iddiskuta jekk jergax jaghmel dan ic-cint jew isir railing, il-Kunsill qabel li ghandu jitlob stima biex jibni cint kif kien originarjament

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq suggeriment minghand resident fejn talab li ssir bankina fil-kantuniera ta' bejn Triq V. Bugeja u Pjazza San Kalcidonju. Il-Kunsill ma qabilx li ghandha ssir bankina minhabba li din mhux ser taghmel differenza fejn tidhol is-sigurta' tal-*pedestrian*.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Lawrence Formosa fejn il-kumpanija tieghu toffri servizz li tkecci lill-hamiem f'inqas minn xahrejn ghal prezz ta' €1000. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jidhol ghal dan it-trattament minhabba li li wara l-bye-laws li kien ghamel il-Kunsill il-hamiem naqsu sew. Madankollu il-Kunsill qabel ukoll li f'kaz li jerga' jinqala' l-bzonn, ghandu jikkonsidra din l-offerta mill-gdid.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba ghal planter minn resident li jghix fi Triq l-Isqof Mauro Caruana. Il-Kunsill qabel li ghandu jiccekkja jekk hemmx iktar planters fit-triq imsemmija u f'kaz li hemm, ghandu jitwahhal planter fejn mitlub.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana FC fejn talbu laqgha mal-Kunsill dwar il-picc tal-Arena tal-Indipendenza, il-monument tal-futbol u xi hwejjeg ohra. Il-Kunsill qabel li ghandu jiffissa laqgha maghhom.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li s-Supretendent Mamo kienet informat lill-Kunsill li ma jistghux jinghataw permessi ghall-kioskijiet hdejn l-MCP Car Park nhar is-Sibt 9 ta' Jannar, fl-okkazzjoni ta' Citta' Magica.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn offrew lill-Kunsill biex l-istampar ta' materjal li ser jintuza ghall-Oratorju San Publju ta' Malta li ser ikun organizzat konguntament, isir mill-Kunsill. Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex il-Kunsill ihallas biss l-istampar tal-kotba wara li jingabru kwotazzjonijet, issekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, bir-rizultat:

Favur: 4 (NH, FD, SSH, VB)
Kontra: 1 (ET)
Astensjonijiet: 0

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand is-Sur Stephen Barbara li tammonta

ghal €150 biex isir aggornament tal-websajt tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Il-Kunsill approva li jmexxi b'din il-kwotazzjoni.

2.10 B'riferenza ghall-materja 2.9, is-Sindku Nigel Holland ippropona wkoll li ghandha tinstab soluzzjoni biex meta wiehed ifittex din l-attivita' fuq l-internet bit-terminu Malti "Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-nar tal-Art Mekkanizzat " ghandu jinstab is-sit xorta wahda minhabba li fil-prezent, is-sit jitla' biss meta tfittex din l-attivita bit-terminu Ingliz.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-iskultur Chris Ebejer fejn staqsa lill-Kunsill jekk huwiex interessat li jixtri buzzett tal-monument ta' Pietro Paolo Floriani. Il-Kunsill qabel li mhuwiex interessat.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Knisja Parrokkjali San Publju fejn talbu biex il-Kunsill jorganizza flimkien maghhom il-mawra f'Ghawdex li ssir nhar il-festa liturgika tal-qaddis patrun ta' Malta, San Publju. Il-Kunsill approva u sehem il-Kunsill ghandu jkun li jhallas it-trasport kemm f'Malta kif ukoll f'Ghawdex.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland esprima x-xewqa li bhas-snin imghoddija, issir esebizzjoni/wirja f'Jum il-Floriana. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni. Is-Sindku Nigel Holland heggeg lill-Kunsilliera biex ghal-laqgha li jmiss, jippreparaw lista ta' sitt personaggi Furjanizi li ghamlu success fuq livell nazzjonali biex isir banner taghhom fi Triq il-Miratur fl-okkazjoni ta' Jum il-Floriana. Il-Kunsill qabel.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni ghas-CD's tal-Kantata minghand Bonnici's Press li tammonta ghal €390 + VAT; u tas-CD Duplication minghand Digiplus Ltd bil-prezz ta' €1.10 +VAT il-wahd. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi b'dawn il-kwotazzjonijiet u li ghandom jordna l-ammont minimu ta' 200 CD's.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq il-pjanta tad-disinn tal-monument li ipprepara l-ufficcju tal-perit tal-Kunsil ghall-approvazzjoni tal-Kunsill biex tigi sottomessa l-applikazzjoni lill-MEPA. Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni ta' din il-pjanta bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, FD, ET, SSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Charles Demanuele li nforma lill-Kunsill bix-xniegha li l-bank HSBC ser jaghlaq il-bibien tal-fergha li ghandu fil-Floriana. Il-Kunsill qabel li l-Vici-Sindku Franco Davies ghandu jikkoferma dan minhabba li f'kaz li dan huwa minnu, ser jinholoq inkonvenjent ghall-anzjani Furjanizi li ghandhom kont ma' dan il-bank. F'dak il-kaz il-Kunsill ghandu jikteb lill-kwartieri generali tal-HSBC biex jitolbu jirrikonsidra l-pozizzjoni tieghu.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-proposta tal-Green MT u l-pakkett vantaggjuz li huma offrew lill-Kunsill. Is-Sindku Nigel Holland fakkar ukoll li l-Kunsill kien diga' lahaq ftehim mal-GreenPak dwar skema awtorizzata simili. Il-Kunsill qabel li jzomm id-decizjoni li ghamel fil-laqgha precedenti u li ghandu jidhol f'kuntratt ta' 6 xhur mal-GreenPak.

2.18 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-MEPA infurmat lill-Kunsill li ma tistax tikkunsidra li jsir bdil tac-cangatura tal-qawwi fil-bankina ta' Triq San Frangisk. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mal-MEPA biex tigi diskussa din is-sitwazzjoni minhabba li dan il-bdil qed jigi propost ghal-blokk wiehed wiehed u dan biex tkun unformi mal-bqija tal-bankini fl-istess triq.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet lis-Sindku.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **33-05 A-B**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 8184 sa 8242.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici-Sindku Franco Davies u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg , ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 8184 sa 8242, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna: Post Mortem

5.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona lis-Sur Julian Holland biex jifforma parti mis-sotto kumitat ta' Celebrazzjonijiet f'Lejliet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill approva.

5.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilmenti minghand xi whud minn dawk prezenti dwar il-kwalita' u l-kwantita tal-loghob tan-nar. Huwa semma wkoll li kien hemm min issuggerixxa li n-nar ikun f'pozizzjoni ahjar minhabba li mhux kull min kien prezenti seta' jsegwi l-wirja minn fejn kien.

5.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien hemm kritika li l-*big screen* kien kemmxejn zghir u ssuggerixxa li dejjem jekk l-attivita' terga' tittella', il-Kunsill ghandu jiehu hsieb li jipprovdi *big screen* ikbar.

5.4 Is-Sindku Nigel Holland kompla li kien dizappuntat li x-xibka bil-bziezaq ma nfethitx kif mistenni, u ghaldaqstant ihoss li l-kuntrattur m'ghandux jithallas ta' dan is-servizz. Il-Kunsill ma qabilx li l-kuntrattur ghandu jithallas l-ammonta totali minhabba li s-servizz ma kienx sodisfacenti. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jkellem lill-organizzatur u jhallsu biss tal-ispejjez reali li kien hemm.

5.5 Il-Kunsillier Edward Torpiano staqsa dwar jekk il-Kunsill setax jiehu azzjoni dwar sidien tal-hwienet li kisru l-kundizzjonijiet. Is-Sindku Nigel Holland informah li l-infurzar tal-kundizzjonijiet kien xoghol il-Pulizija u li l-Kunsill kien informa lis-Supretendent dwar il-kundizzjonijiet tal-Kunsill qabel il-bidu tal-attivita'. Is-Sindku ikkonkluda li l-kuntrattur li ha l-offerta ma kien ghamel l-ebda rikjesta fuq dan il-punt li semma' l-kunsillier Torpiano.

5.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili espremiet id-dispjacir taghha li ghalkemm dejjem astjeniet u talbet li tkun skuzata f'decizjonijiet u diskussjonijiet li kellhom x'jaqsmu ma' l-ghazla tal-esklussivita' tal-bejgh ta' ikel u xorb dakinhar ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena, xorta wahda kien hemm min assocjaha mal-kuntratturi li hadu l-esklussivita' u anke kien hemm min ghamel akkuzi

foloz kontriha li kienet involuta fl-offerta'.

## 6.0 Preparazzjoni ghall-Estimi Annwali 2010

**Nota: 19:45 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat u kien il-Vici-Sindku li ppresieda l-laqgha.**

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta abbozz ta' l-estimi li jinsab mehmuz ma' dawn il-minuti u spjega li l-ammonti msemmija f'din il-preparazzjoni kienu biss estimi u ghalhekk setghu jizdiedu kif ukoll jitnaqqsu skond il-bzonn tal-Kunsill.

**Nota: 19:50 Is-Sindku Nigel irritorna ghal-laqgha u kompla jippresiedi l-laqgha.**

6.2 Ir-Rapport tal-Estimi annwali ghas-sena 2010 kif ipprezenat mis-Segretarju Ezekuttiv gie approvat mill-Kunsill b'mod unanimu.

6.3 Il-Kunsill qabel li l-laqgha annwali tal-lokalita' ghandha ssir nhar it-28 ta' Jannar 2010.

## 7.0 Xandiriet fuq 96.1 Vilhena FM

7.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq suggeriment biex il-Kunsill jorganizza ikla flimkien mas-Socjeta' Filarmonika Vilhena, liema spejjez ghall-Kunsill m'ghandhomx jaqbzu is-€800. Il-Kunsill approva.

7.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill dwar l-offerta' li jinxtara airtime ta' €58 fil-gimgha biex il-Kunsill ikun jista' jxandar il-programm tieghu fuq l-istazzjon Vilhena FM ghal total ta' 20 gimgha. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi b'din il-kwotazzjoni.

7.3 Il-Kunsill approva li jqabbad lill-banda tas-Socjeta' Filarmonika Vilhena biex taghmel marc fl-okkazjoni tal-21 ta' Jannar 2010.

7.4 Il-Kunsill ghandu jinforma lis-Socjeta' Filarmonika Vilhena dwar dawn id-decizjonijiet.

## 8.0 Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tal-Impjegati

8.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega din il-materja. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-Kunsill irid jiddeciedi dwar il-performance tieghu u tal-impjegati u li fil-kaz tieghu jistghu jiddeciedu ghal persentagg bejn il-5% u l-10% filwaqt li fil-kaz tal-impjegati bejn 3% u 6%. Is-Segretarju Ezekuttiv irrakkomanda biex l-ufficjal Ezekuttiv Fiona Said, u l-iskrivani Emmanie Theuma u Silvyanne Zammit Bondin jinghataw il-massimu tal-persentagg.

8.2 Il-Kunsillier Vincent Borg xtaq li jirregistra li hu ser jaqbel mal-performance bonus li jinghata lill-impjegati anke jekk ghadu kif gie elett u ghalhekk ma tantx ghadu jaf kif tahdem l-amministrazzjoni ghalkemm dejjem sab l-ghajnuna meta kellu bzonn.

8.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jinghata l-massimu tal-persentaggi applikabbli tal-performance bonus lis-Segretarju Ezekuttiv u l-istaff klerikali kollu.

8.4 Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat irringrazzja lill-Kunsill f'ismu u f'isem l-istaff klerikali ta' dan ir-rikonoxximent tax-xoghol habrieki li huma jaghtu lill-Kunsill.

## 9.0 Jum il-Housing

9.1 Is-Sindku Nigel Holland staqsa lill-Kunsilliera dwar ideat fuq x'jista' jtella' l-Kunsill f'Jum il-Housing. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera ghandhom jghaddu s-suggerimenti taghhom sal-bidu tal-gimgha d-diehla.

9.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li f'laqgha li kellu ricentamen mac-Chairman tal-Awtorita' tad-Djar gie infurmat li l-appartamenti tal-progett ta' Balzunetta ser johorgu kollha bil-kera ghall-kuntrarju ta' dak li kien mahsub qabel.

9.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Gvern qieghed ukoll ifittex li jidhol fi ftehim ma' proprjetarji privati biex postijiet li jinsabu maghluqa u mhux abitati, johorgu fis-suq.

9.4 Il-Kunsillier Edward Torpiano ssuggerixxa li l-Kunsill jipproponi b'mod formali li dawn l-appartamenti godda tal-blokk il-gdid f'Balzunetta, jinghataw kemm jista' jkun lil nies mill-Floriana. Il-Kunsill qabel li ghandu jinsisti li l-maggoranza jinghataw lill nies mill-Floriana anke minhabba l-fatt li dan il-blokk appartamenti inbena bl-ghajnuna inizjali tal-Kunsill Lokali Floriana.

## 10.0 Attivita' fi Pjazza San Publju fiz-zmien it-Tazza tad-Dinja 2010

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li gie infurmat li l-Isle of MTV ser jerga' jittella' anke din is-sena u peress li dan il-festival ser jikkoincidi mal-avveniment li kien gie propost biex jittella' fi zmien it-Tazza tad-Dinja, il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-organizzatur b'dan.

10.2 Il-Kunsill qabel biex isaqsi lill-organizzatur dwar jekk dan il-fatt li ser ikun hemm l-Isle of MTV fi pjazza San Publju, itellifx milli l-attivita' tat-Tazza tad-Dinja issir xorta.

## 11.0 Il-Karnival ta' Malta 2010

11.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsilliera bil-laqgha li kellu mal-organizzaturi tal-Karnival.

11.2 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill ma jaghtix permessi lill-kioskijiet li jbieghu ikel u xorb nhar is-Sibt tal-Karnival. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bis-suggeriment tal-organizzaturi li jintramaw stalls mill-ghaqdiet Furjanizi nhar is-Sibt 13 ta' Frar 2010, li jbieghu affarijiet relatati mal-Karnival bhal prinjolata, perlini, gugarelli u loghob ghat-tfal. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

11.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-kukkanja ser terga' ssir fil-Floriana u din ser tammonta ghal €2500. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li din tigi organizzata mill-Kunsill.

11.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsilliera li l-organizzaturi offrew lill-Kunsill jirregistra u jdahhal 2 timijiet biex jikkompetu ghall-kukkanja.

11.5 Is-Sindku Nigel Holland kompla li l-organizzaturi ssuggerew ukoll li kull sid ta' hanut tal-ikel u xorb li japplika ghal permess biex johrog l-imwejjed u/jew stand barra, ghandu wkoll jikri mobile toilet. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu u qabel ukoll li ghandu jinforma lis-sidien tal-hwienet dwar din il-kundizzjoni permezz ta' cirkulari.

## 12.0 Ghazla tal-Offerti:

i. **KLF/Q/23/09 – Provvista u delivery ta' recipjenti ghall-fdalijiet taz-zwiemel u recipjenti ghal siringi uzati**
ii. **KLF/Q/24/09 – Provvista u konsenja ta' *recessed floor uplighters***
iii. **KLF/Q/25/09 – Provvista u installazzjoni ta' *Air Conditioning Units***

Peress li l-offerti kienu ghadhom ma gewx miftuha, il-Kunsill qabel b'mod unanimu biex din il-materja tigi diskussa fil-laqgha li jmiss, wara li l-offerti ikunu gew miftuha skond il-proceduri.

## 13.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

13.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li s'issa ghadhom dahlu 10 applikazzjonijiet mill-kmamar tan-nar u li id-data tal-applikazzjonijiet giet estiza sal-15 ta' Jannar 2010.

13.2 Il-Kunsill ghandu jerga' jiddiskuti din il-materja wara li tkun ghalqet id-data tal-gheluq tal-applikazzjonijiet.

## 14.0 Ħwejjeg Oħra

14.1 Il-Kunsillier Vincent Borg staqsa dwar fejn kienu twahhlu n-noticeboards ricenti li ghamel il-Kunsill. Is-Sindku Nigel Holland informah bil-postijiet ta' fejn kienu gew imwahhla, u li dawn twahhlu fil-postijiet kif kien gie deciz waqt laqgha tal-Kunsill.

14.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies ippropona li ssir l-arma tal-Kunsill Lokali Floriana fuq kull noticeboard. Il-Kunsill approva.

14.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggeriet li l-gwardjani lokali ghandhom jibdew jiehdu l-hinijiet tal-karozzi ipparkjati fiz-zoni fejn hemm l-iskema ta' parkegg residenzjali peress li qed ikun hemm l-abbuzi billi s-sewwieqa qeghdin ibiddlu l-hin tal-arlogg. Il-Kunsill approva.

14.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggeriet li ssir coffee morning fix-xahar ta' Jannar. Il-Kunsill approva.

14.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet dwar jekk jistax jinghata award mill-Kunsill Lokali Floriana lill-membru tal-Korp tal-Pulizija li jkun ta' kontribut aktar minn dak mistenni fil-komunita'. Il-Kunsill qabel li jinghata dan l-award u ghandu jintalab permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

14.6 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li d-diretturi tad-drama Evangelisti kienu offrew li juru riklam li jaghzel il-Kunsill waqt il-programm taghhom bhala ringrazzjament talli ser jithallew jiffilmjaw fid-Dar tal-Kunsill.

14.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li fi Triq is-Suq hemm parking bay ta' mutur li qed jiehu spazju ta' karozza. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Vincent Borg ghandu jmur fil-post u jevalwa x'inhu l-ahjar isir.

14.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghat-*traffic lights* li hemm fi Pjazza Sant'Anna li minnhom jistghu johorgu biss il-mini vans tal-Park n' Ride. Huwa ssuggerixxa li jkunu jistghu johorgu karozzi ohrajn ladarba t-traffiku xorta jkun wieqaf. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-

ADT biex titnehha it-tabella tan-no entry – except for mini buses, li hemm hdejn it-traffic lights.

14.9 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggeriet li jitwahhal bin fi Pjazza E.S. Tonna fil-vicinanzi tad-Dar tal- Kunsill. Il-Kunsill approva.

## 15.0 Aġġornament tal-laqgħa

15.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 3 ta' Frar 2010 fis-17:45.

Il-laqgha ntemmet fit-21.45.

Nigel Holland
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Ezekuttiv